MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 35/2011

**Maryanne mart Emanuel Grima, Joseph Cassar, Paul Cassar, Anton Cassar, Maria mart Twanny Scerri, George Cassar, Victoria Cassar gia divorzjata minn zewgha Rod Redouan, Maria Assunta sive Sonia Trupia divorzjata minn zewgha Joseph Galea, Josephine mart Joseph Apap, Emanuel Cassar, Gesualda sive Alda mart Eugene Bugeja, ilkoll ahwa Cassar u Claire Pauline mart Robert Xuereb, Maureen Anne Saliba mart Anthony Saliba u Pierre Paul Camilleri li fil-prezent qed jghix fi Slovakia bhal ulied u werrieta tal-mejta Carmen Camilleri nee' Cassar mart Paul Camilleri**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-atturi kif rapprezentati minn Maryanne mart Emanuel Grima fejn esponew:

Illi r-rikorrenti huma ulied il-mejta Giuseppa Caruana nee’ Farrugia.

Illi rrizulta wkoll li l-Att tat-Twelid numru 237 ta’ l-1930 ta’ Giuseppa Caruana huwa skorrett fis-sens illi fil-waqt li fil-verita’ kunjom xbubiet ommha Gesualda kien Farrugia fl-att tat-twelid ta’ Giuseppa Caruana gie erronjament imnizzel fil-parti relattiva li missier Gesualda mart Carmelo Caruana kien Antonio Cutajar meta fil-verita’ huwa kien Antonio Farrugia (Dok A).

Illi dan l-istess zball gie wkoll ripetut anke fl-Att ta’ Mewt numru 259 ta’ l-2010 ta’ Giuseppa Caruana meta fil-parti relattiva ghall-“isem u kunjom il-genituri jekk hajjin jew mejtin” hemm imnizzel Gesualda Caruana nee’ Cutajar meta fil-fatt ried jitnizzel Gesualda Caruana nee’ Farrugia (Dok B).

Illi l-esponenti qed jipprezentaw flimkien ma’ dan ir-rikors l-Att taz-Zwieg tal-mejta Giuseppa Caruana nee’ Farrugia li minnu jirrizulta wkoll li l-kunjom xebba korrett ta’ Gesualda Caruana kien Farrugia (Dok C).

Illi l-esponenti qeghdin jipprezentaw Att tat-Twelid ta’ Gesualda Caruana li juri li kienet fil-fatt kunjomha Farrugia (Dok D) u wkoll jallegaw estratt mir-registru tal-maghmudija tal-Parrocca ta’ San Gorg li juri wkoll illi Gesualda kienet kunjomha Farrugia (Dok E).

Illi minn dawn id-dokumenti jirrizulta l-izball imsemmi fl-Atti tat-twelid u ta’ mewt, billi kunjom xebba korrett ta’ Gesualda Caruana kien Farrugia u mhux Cutajar.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti joghghboha:

1. previa dikjarazzjoni li l-Att tat-Twelid numru 237 ta’ l-1930 fuq imsemmi billi fil-parti relattiva ghal-“Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” ghandu jigi korrett u tordna l-korrezzjoni ta’ l-istess billi fil-parti

relattiva ghal-“isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” jigi sostitwit minn Antonio Cutajar ghal Antonio Farrugia u;
2. previa dikjarazzjoni li l-Att ta’ Mewt numru 259 tal-2010 fuq imsemmi billi fil-parti relattiva ghall-“isem u kunjom il-genituri, jekk hajjin jew mejtin” ghandu jigi korrett u tordna l-korrezzjoni ta’ l-istess billi fil-parti relattiva ghall-“Isem u kunjom il-genituri, jekk hajjin jew mejtin” Gesualda Caruana nee’ Cutajar jigi sostitwit b’Gesualda Caruana nee’ Farrugia.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi dwar il-mertu, l-esponenti ma jopponix ruhu ghat-talbiet tar-rikorrenti, peress illi minn ezami tad-dokumenti annessi mar-rikors jidher illi huma ggustifikati. Ghaldaqstant l-esponenti jirrimetti ruhu a savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;
2. illi dwar l-ispejjez l-esponenti jissottometti illi peress illi din il-korrezzjoni setghet tintalab ukoll quddiem il-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Atti Nutarili ai termini ta’ l-Artikolu 257 tal-Kodici Civili, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati unikament mir-rikorrenti.
3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif kontemplat mil-ligi.

Rat ukoll li fil-fatt ir-rikorrenti qabel ma pprezentaw ir-rikors guramentat odjern kienu pprocedew quddiem il-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Atti Nutarili ai termini ta’ l-Artikolu 257 tal-Kodici Civili u li t-talba taghhom giet michuda peress li kien kaz ta’ tibdil ta’ isem.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti tqis li t-talba hija gustifikata peress li rrizulta bla ebda dubju li kunjom xbubit Gesualda Caruana, li kienet in-nanna materna tar-rikorrenti, kien fil-fatt Farrugia u mhux kif indikat Cutajar.

Ghal dawn il-motivi, il-qorti tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi b’dan illi:

1. tiddikjara li l-Att tat-Twelid numru 237 ta’ l-1930 fuq imsemmi fil-parti relattiva ghal-“Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” ghandu jigi korrett u tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi l-istess billi fil-parti relattiva ghal-“isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” jigi sostitwit minn Antonio Cutajar ghal Antonio Farrugia u;

2. tiddikjara li l-Att ta’ Mewt numru 259 tal-2010 fuq imsemmi fil-parti relattiva ghall-“isem u kunjom il-genituri, jekk hajjin jew mejtin” ghandu jigi korrett u tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi l-istess billi fil-parti relattiva ghall-“Isem u kunjom il-genituri, jekk hajjin jew mejtin” Gesualda Caruana nee’ Cutajar jigi sostitwit b’Gesualda Caruana nee’ Farrugia.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------